MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 43/2008

Alfred u Carmen miżżewġin **GALEA**

vs

Saviour **PISANI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Saviour Pisani fis-16 ta' Jannar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1921/07 maħruġ kontrih mill-intimati eżekutanti miżżewġin Galea fil-21 ta' Diċembru, 2007 għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tordna u tikkundanna lill-istess miżżewġin Galea jħallsuh penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u (ċ) f'każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmi Mandat, li torbot lill-istess miżżewġin Galea biex iressqu garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tas-6 ta' Frar, 2008;

Rat li l-intimati eżekutanti, għalkemm notifikati kif imiss bil-meżż tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni għall-finijiet tal-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, naqsu li jressqu Tweġiba jew li jidhru quddiemha meta r-rikors issejjaħ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrent eżekutat;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat***:

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jipprova jneħħi minn fuqu għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-intimati ħarġu kontrih fil-21 ta' Diċembru, 2007. Il-Mandat inħareġ dwar kreditu pretiż ta' ħamest elef u lira Maltija (Lm 5,001)[1] fuq il-kawżali ta' "sabiex jiġi kawtelat l-ammont pretiż fil-kawża fl-ismijiet premessi (726/07JRM)". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifika lil erba' sekwestratarji, lkoll banek kummerċjali;
Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat għandu jitwaqqa' għaliex jgħid li l-Mandat inħareġ b'mala fidi, bi frugħa u biex idejjaq u dan billi l-ammont li fuqu l-intimati jibnu l-pretensjonijiet tagħhom għall-finijiet tal-kawża li huma jsemmu fl-istess Mandat diġa' jinsab kawtelat kif imiss bis-saħħa ta' garanzija bankarja li l-istess rikorrent ressaq fl-atti ta' Mandat kawtelatorju ieħor[2] maħruġ kontrih mill-istess intimati Galea (u wkoll maħruġ b'rabta tal-pretensjonijiet tagħhom fl-istess kawża);

Illi l-intimati ma merew xejn minn dak li r-rikorrent jilminta minnu. Għalkemm laqgħu n-notifika ta' dawn l-atti, lanqas

[1] € 11,648.20 fi flus tal-lum
[2] Sek 1323/07 maħruġ fis-7 ta' Settembru, 2007

biss dehrilhom li kellhom jidhru quddiem il-Qorti biex ifissru għamilhom;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent bħala dawk li għalihom huwa qiegħed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tiegħu huma: (a) li l-garanzija mogħtija tista' titqies biżżejjed[3]; u (b) minħabba li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[4];

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jħallsu penali[5] u li jagħtu garanzija xierqa[6], fiż-żmien li l-Qorti tagħtihom, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huma jistgħu jiġu kundannati jħallsu lir-rikorrent eżekutat. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba, għaliex huwa ovvju li jekk kemm-il darba tintlaqa' l-ewwel talba, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li l-intimati eżekutanti jiġu ordnati jressqu l-garanzija;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[7]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'għandhiex tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet ukoll f'dan l-istadju, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq tagħha. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li r-rikorrent sejjes biċċa sewwa mill-każ tiegħu fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratt tal-kirja. Dan, kif sewwa qal l-għaref difensur tal-intimati fir-Risposta u wkoll fit-trattazzjoni, huwa kollu l-mertu dibattut bejn il-partijiet u għalhekk ma jmissux jitqies mill-Qorti f'dan l-istadju. Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni, u sejra toqgħod biss fuq dak li mad-daqqa t'għajn jidher mill-atti bla ma tgħaddi l-ebda ġudizzju fuq xi aspett tal-mertu;

[3] Art. 836(1)(e) tal-Kap 12
[4] Art 836(1)(f) tal-Kap 12
[5] Art 836(8) tal-Kap 12
[6] Art 838A tal-Kap 12
[7] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

Illi issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ. Għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura hu li tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[8];

Illi r-rikorrent isemmi żewġ kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) L-ewwel kawżali hija dik tal-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrent jgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimati eżekutanti tinsab fl-għamla ta' garanzija bankarja miżmuma taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu li l-istess rikorrent kellu jressaq biex ikun jista' jitlob il-ħruġ ta' Kontro-Mandat dwar Mandat kawtelatorju ieħor li l-istess intimati ħarġu kontrih matul Settembru tal-2007;

Illi fil-fatt jirriżulta li fis-7 ta' Settembru, 2007, l-intimati eżekutanti kienu kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju[9] sewwasew bil-kawżali dikjarata "sabiex jiġi kawtelat l-ammont pretiż fil-kawża fl-ismijiet premessi (726/07JRM)". Din hija l-istess kawżali li l-intimati jsemmu fil-Mandat maħruġ fil-21 ta' Diċembru, 2007, li r-rikorrent issa qiegħed jitlob it-tħassir tiegħu. Biex imewwet l-effeti ta' **dak** il-Mandat, ir-rikorrent kien ressaq garanzija bankarja b'ċedola ta' depożitu fit-30 ta' Novembru, 2007[10]. Bis-saħħa ta' hekk, huwa kiseb il-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv dak inhar stess[11]. Minbarra dan, fil-21 ta' Novembru, 2007, din il-Qorti[12] kienet laqgħet talba tal-istess rikorrenti biex tħassar Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ieħor[13] li l-intimati kienu diġa' kisbu qabel dwar l-istess pretensjonijiet. Kienet ukoll imponiet kontra l-intimati l-kundanna tal-ħlas ta' penali;

---

[8] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

[9] Nru. 1323/07 Dok "SP1", f'paġġ. 4 – 6 tal-atti ta' dan ir-rikors

[10] Dok "SP2", f'paġġ. 7 – 8 tal-atti ta' dan ir-rikors

[11] K?Mand. 1796/07 Dok "SP3", f'paġġ. 9 – 10 tal-atti ta' dan ir-rikors

[12] Rik Nru. 939/07JRM

[13] Nru 980/07 maħruġ fl-4 ta' Lulju, 2007

Illi dwar il-kawżali tal-garanzija xierqa oħra jrid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[14]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[15]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija. Dak li huwa meħtieġ fil-garanzija alternattiva msemmija huwa li din trid tkun waħda soda u ċara u tkun tikkonsisti fi flus li jkunu disponibbli jew f'assi faċilment rejalizzabbli[16];

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[17];

Illi, fil-każ preżenti, r-rikorrent ressaq prova li turi li tali garanzija alternativa hija rabta ta' garanzija bankarja li titkellem sewwasew dwar il-pretensjonijiet tal-intimati fil-kawża li huma fetħu kontra r-rikorrent. Fil-fehma tal-Qorti, tali garanzija hija għal kollox biżżejjed u ta' min jorbot fuqha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent seħħlu juri li għandu raġuni tajba biex il-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontrih jitħassar, u l-ewwel talba tagħha sejra tintlaqa';

---

[14] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

[15] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[16] P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Ranger Company Limited vs Euro Imports Limited***

[17] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***

Illi huwa biżżejjed li tirriżulta mqar raġuni tajba waħda minn dawk maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12 biex il-Qorti tista' tagħti provvediment fuq rikors imressaq quddiemha f'dan is-sens, u għalhekk mhuwiex meħtieġ li, f'dan il-każ, il-Qorti tistħarreġ ukoll il-kawżali l-oħra li fuqha r-rikorrent talab it-tħassir tal-Mandat;

Illi r-rikorrent talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jista' juri li jkun ġarrab minħabba l-Mandat. Il-Qorti, ladarba sabet raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, jifdlilha tqis biss jekk hemmx l-estremi għall-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas tal-penali;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali.  Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[18], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Għalkemm il-liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponix penali, il-liġi trid li l-penali tkun inflitta jekk jirriżultaw l-estremi maħsuba mil-liġi u tista' tagħżel biss li ma timponix tali penalita' f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk jimponi[19], u dan għaliex penali bħal dik hija meqjusa bħala miżura ta' ordni pubbliku maħsuba li tara li tinżamm is-serjeta' tal-proċediment ġudizzjarju u teħles mill-abbuż li jista' jsir bl-atti kawtelatorji;

Illi l-liġi ssemmi erbgħa (4) ċirkostanzi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[20]. F'dan il-każ, ir-rikorrent

---

[18] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Ind. Ltd. vs Calleja Cremona***
[19] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[20] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

qiegħed isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12, li jitkellem dwar ħruġ ta’ Mandat b’malizzja jew b’għan fieragħ jew biex idejjaq;

Illi dwar dan, ir-rikorrent jissottometti li l-intimati ħarġu l-Mandat b’ħażen u bi ħsieb li jagħmlulu ħsara għalxejn, u dan għaliex huma kienu diġa’ ħarġu Mandati oħrajn qabel u minkejja li l-Qorti kienet diġa’ qalet li l-intimati kienu abbużaw minn dawn ir-rimedji;

Illi dwar jekk il-Mandat inħariġx b’mod vessatorju jew għal raġuni frivola, jingħad biss li dan ifisser li l-proċedura meħuda fil-ħruġ tal-Mandat trid tkun waħda ta’ abbuż mid-dritt li wieħed jadixxi għall-Qorti għar-rimedju[21];

Illi hawnhekk il-Qorti tara li jgħodd ħafna l-kliem ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) f’deċiżjoni[22] mogħtija f’każ bħal dan fejn ingħad li l-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju wara li l-kreditur ikun diġa ħareġ mandat jew mandati oħrajn (fejn il-kreditu tiegħu jkun ġie kopert biżżejjed) hu għamil li l-liġi trid tevita. Dan għaliex “il-Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta’ tarka għal min jippretendi li hu kreditur, pero’ m’għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu aktar milli (biex) jikawtelaw. Anke jekk id-diversi Mandati li tipporovdi l-liġi jinħarġu kontestwalment, hu dmir tal-kreditur li jsegwi l-effetti tal-Mandati u jekk jara li ġie kawtelat aktar milli meħtieġ, hu stess għandu jieħu l-inizjattiva biex jitlob it-tħassir ta’ dawk il-Mandati ‘żejda’”. F’dan il-każ, ġara iżjed minn hekk, għaliex it-tieni Mandat inħareġ xahar wara li r-rikorrent kien ressaq il-garanzija bankarja u wara li din il-Qorti kienet qablet li tħassar Mandat kawtelatorju ieħor maħruġ qabel u sabet lill-istess eżekutanti ħatja li abbużaw mill-proċeduri kawtelatorji;

---

[21] Ara, per eżempju, Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**); u P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Cammast Ltd. vs Joseph E. Gauċi et***

[22] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** (Rik. Nru. 1094/02)

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li jeżistu ċ-ċirkostanzi biex tapplika mill-ġdid fil-konfront tal-intimati eżekutanti tali sanzjoni, ukoll għaliex baqgħu jippersistu fl-għamil tagħhom minkejja li reġgħu ikkawtelaw irwieħhom doppjament dwar l-istess pretensjonijiet. Il-Qorti tagħżel li tiffissa tali penali fis-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1921/07 fl-ismijiet premessi maħruġ kontrih fil-21 ta' Diċembru, 2007, fuq talba tal-intimati miżżewġin Galea;

**Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimati eżekutanti miżżewġin Galea jħallsuh is-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400) bħala penali;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba** ladarba laqgħet l-ewwel talba; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-intimati eżekutanti.

Mogħti kameralment illum, il-25 ta' April, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------